MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 263/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur G. Azzopardi**
**Vs**

**Antoine Cassar**
**Omissis**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :**
**1. Nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, ikkommettew serq ta' apparat tad-daqq w oggetti ohra minn go erbgha vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Yvette Mallia minn Haz Zebbug, ta'**

**Rosemarie Ciappara mir-Rabat, ta' Lara Montebello minn San Giljan u ta' Roberta Sammut mir-Rabat;**
**2. Talli fl-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe l-oggetti msemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;**

**3. Talli fl-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-vetturi tal-persuni msemmija, liema hsara, li komplessivament teccedi l-hames mitt lira maltin, saret ghad-dannu tas-sidien rispettivi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 330, 279(g), 280, 281, 289, 334, 325(a), 31, 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi ta' ricettazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn (2) ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberatu mill-akkuzi l-ohra.
Ordnat ukoll liz-zewg imputati flimkien ihallsu l-ispejjez fis-somma ta' erbghin lira Maltin (LM40) u ta' PS 964 Robert Scicluna fl-ammont ta' dsatax il-lira u hamsin centezmu (LM19.50) fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati mid-direttur tal-Qorti w ordnat il-konfiska tal-vettura tal-marka Toyota numru KBF-396 favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha
**tirriforma s-sentenza appellata billi**
**a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjonijiet riferibbilment ghar-reati ta' serq u ta' hsara volontarja; u**
**b) thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tar-reat ta' ricettazzjoni u kwindi tiddikjarah mhux hati**

**u tilliberah minn tali imputazzjoni w minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tas-sanzjoni riferibbilment ghall-ordni tal-konfiska tal-vettura KBF 396 u minflok thassar u tirrevoka tali ordni ta' konfiska.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti :- 1. li l-provi rizultanti mill-atti kienu tali li ma jwasslux sal-grad tal-prova li trid il-ligi ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' ricettazzjoni w ghalhekk hu kellu jigi liberat. Illi ma hemmx dubju li l-oggetti *de quo* nstabu f' lok li kien jaqa' taht il-kontroll, anki jekk mhux esklussiv, tal-appellant. Pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat l-element materjali li huwa laqgha ghandu l-oggetti u wisq inqas mhux bizzejjed biex jirrizulta l-element tax-xjenza li l-provenjenza ta' tali oggetti kienet wahda illegittima. 2. li *dato ma non concesso* li l-appellant kien hati ta' ricettazzjoni, xorta wahda m' ghandhiex tavverra ruha l-konsegwenza tal-konfiska tal-vettura KBF-396, ghax din ma tistax titqies bhala *corpus delicti*.  3. Li s-sanzjoni fuqu imposta u cioe' l-liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-periodu ta' sentejn (2) ai termini tal-art. 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta  ma ggibx bhala konsegwsenza l-konfiska tal-vettura KBF 396.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjhoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti biex wassalha ssib htija**

**tal-akkuza ta' ricettazzjoni. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi w jirrizultawlha dawn il-fatti:-**

**Fl-istqarrija tieghu**,(Dok. CSH 3 a fols. 23 u 24) l-appellant**, wara li l-Pulizija kienu sabu stereos u souvenier misruqa fil-karozza tieghu, ddikjara li l-jum ta' qabel hu kien iltaqa' ma Matthew Frendo, li jigi hu l-mara tieghu, fil-pjazza ta' Haz-Zebbug, ghall-habta tat-8.30 pm. Iddecidew li jiehdu zewg drinks minn New Bar f' Birkirkara. Marru hemm u damu xi nofs siegha. Wara marru bil-karozza tieghu Toyota bin-numru KBF 396 f' Hal Balzan u hu ipparkja l-car tieghu ftit il-fuq mill-Izmerc. Matthew nizel mill-karozza w qallu *"Stennieni ftit."* u mar dawra bil-mixi. Hu qaghad jistennieh fil-karozza w meta gie lura wara *"fifteen minutes"* kellu f'idu basket tal-plastic b' erba' stereos**

**go fih. Umbaghad hu startja w saq naqra ‘l fuq u gew il-Pulizija.**

Mistoqsi : “*Jekk nghidlek li Matthew qalilna li int kont taf b’ dak li kien ser jaghmel wara li nizzilthu mill-karozza tieghek, xi tghid?*” wiegeb : “*Ma nafx x’ naqbad nghidlek. Lili qalli ha nohrog dawra s‘ hawn isfel.”*

**Meta Matthew gie lura hu staqsieh : *“Dawk x’ inhuma?”* u hu qallu *“Dawk xtrajhtom.”***

Hu ma kienx ra lil Mathew jiftah il-karozzi w jaqla l-stereos. Ghad-domanda : *“Jekk nghidlek li qabel ma nizel mill-karozza tieghek, Matthew ha tornavit u basket tal-plastik?”* wiegeb : “*It-turnavit nahseb li kien fil-but u il-basket manafx minn fejn gabu.”* It-turnavit kien rah l-ewwel darba meta sabuh il-Pulizija waqt it-tfittxija. Mistoqsi dwar is-souvenier (tat-tieg tac-ceramika li rrizulta li kien insteraq mill-car ta’ Lara Montebello) li nstab fil-karozza u li hu kien qal lill-Pulizija li kien tieghu, qal : “*Dak sibtu xi tlitt ijiem ilu mormi go skip u gbartu. Dan sibtu fl-inhawi ta’ Haz Zebbug.”* Imma umbaghgad konfrontat bil-fatt li dak is-souvenier kien insteraq il-jum ta’ qabel flimkien ma nuccali w stereo f’ wahda mis-serqiet, ikkonceda li dan kien gabu mieghu Mathew ukoll.

**Mistoqsi “*Nghid sew Antoine li dawk l-affarijiet kollha seraqhom Matthew stess waqt li int kont qieghed tistennieh fil-karozza biex wara taharbu minn fuq il-post?”* wiegeb : *“Ma nirrispondix ghalissa din.”***

PC 1256 Simon Schembri **(Fol. 31 et seq) xehed li fl-4 t’ Awwissu, 2005, f’ xil-9.45 pm., kien waqqaf lill-appellant u fil-car tieghu kien sab stereo fuq is-seat ta’ wara w tlieta ohra fil-bagoll. Sabu wkoll nuccali. Dak il-hin Mathew Frendo ma kienx fil-car imma ftit boghod.**

PC 686 Mario Galea **(Fols. 33 u 34) xehed li meta waqqaf lill-appellant li kien isuq il-car KBF 396, Matthew Frendo kien xi mitt pied boghod. Fil-car ta’ Cassar sabu erba’ stereos, tlieta kienu fil-booth u**

**wiehed taht is-seat ta' wara. Sabu ukoll nuccali, kaxxa tal-billiard u kaxxa ohra b' souveniers.**

**Irrizulta mix-xhieda ta' diversi persuna li dawn l-oggetti kollha kienu misruqa u dwar dan ma hemmx kontestazzjoni.**

**Irrizulta wkoll li l-karozza Toyota KBF 396 kienet giet mibjugha lill-appellant fuq Hire Purchase Agreement minn Noel Gauci ghan-nom ta' Brian Services Limited. (Fol. 133)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.**

**F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold **: Criminal Pleading, Evidence and Practice, (1997, paras. 21-125, 21-126):-**

***"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from*** Cross on Evidence ***, 5$^{th}$. ed., p.49 (now 8$^{th}$. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was***

***either the thief <u>or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."***

***"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, <u>the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."</u>*** **(sottolinear ta' din il-Qorti). (ara ukoll App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Richard Spiteri" **[31.8.2006])**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dawn l-oggetti rrizulta li kollha kien ghadhom kif jinsterqu dak in-nhar stess u proprju ftit tal-hin qabel ma nstabu fil-car tal-appellant u ghalhekk l-appellant kien mistenni li jaghti *"a credible explanation"* kif gew fil-pussess tieghu w li hu ma setax ikun jaf li kienu misruqa bl-uzu ta' hsieb u attenzjoni normali.**

**Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi legalment u ragjonevolment mill-provi fuq riprodotti, li l-appellant kien hati tar-reat**

**alternattiv ta' ricettazzjoni. L-istorja tieghu li hu qaghad jistenna fil-car bla ma kien jaf fejn kien mar u x' kien qed jaghmel siehbu xejn ma hi verosimili biex nibdew. Mhux verosimili li tnejn minn-nies johorgu flimkien biex jiehdu drink u f' hin minnhom wiehed jghid lill-iehor biex iwaqqaf l-car, johrog minnha u ma jghidx lid-driver fejn kien sejjer u ghaliex ikun hareg mill-car. In-nies jitkellmu w jistaqsu f' cirkostanzi normali w jekk wiehed minnhom jghid lill-iehor : "*Stennieni ftit.",* l-iehor naturali li jistaqsieh : "*Ghallfejn?"* u jekk wiehed jghid lill-iehor "*Sejjer dawra s' hawn isfel.",* l-iehor normali li jistaqsieh safejn u ghallfejn sejjer.Diskors bhal dan ma jidhirx li gie skambjat u dan diga jaghmel il-versjoni tal-waqfa mill-appellant f' dak il-post bla ebda raguni ta' xejn stramba w insospettanti.**

Meta umbaghad, wara ftit minuti, Matthew Frendo tfacca lura b' erba stereos go basket tal-plastic u l-appellant staqsieh *"Dawk x' inhuma?"* u Frendo wiegbu li kien xtrahom, kien isegwi logikament li hu jistaqsi lill-Frendo minn fejn kien lahaq xtrahom dak il-hin tal-lejl u f' hin daqshekk qasir waqt l-erba passi li kien seta' lahaq ghamel. Fil-9.45 pm. normnalment ma ssibx stereos jimbieghu mill-idejn fit-triq f' Hal Balzan. Frendo ma kienx gej lura wara xi harga fuq il-Monti tal-Belt il-hadd filghodu, imma minn zona residenzjali kwieta w rispettabbli fejn mhux proabbli li f' dawk il-hinijiet ikun hemm xi *"car booth sale*" jew xi venditur ambulanti jbiegh l-stereos mill-idejn. Dan il-fatt f' persuna ta' intelligenza normali kellu jixghel bozza hamra f' mohh l-appellant u jgeghlu jahseb li dawk l-istereos kienu misruqin friski, ghax l-stereos ma jaqghux mis-sema dak il-hin tal-lejl jew issibhom fit-triq jew fuqil-bankina.

**Illi ma jirrizultax li hu ghamel xi sforz biex dawn l-oggetti ma jiddahhlux fil-car tieghu imma jidher li hu accetta l-konsenja taghhom bla ezitazzjoni, tant li tlieta minnhom kien poggihom fil-luggage booth – cirkostanza ohra sintomatika ta' celament – u l-iehor poggieh taht is-seat ta' wara.**

**Fost ic-cirkostanzi indikattivi ta' provenjenza suspetta fuq imsemmija hemm "*the type of property stolen"* u *"the likelihood of its being sold on quickly."* Issa kullhadd jaf li wiehed mill-aktar serq komuni f' pajjizna hu dak tal-isteros u *high fi equipment* minn karozzi pparkjati w li dawn jimbieghu mill-idejn b' certa facilita' f' cerkji kriminali. Dan wkoll dan ukoll messu qajjem f' mohh l-appellant suspett fondatissimu li dawn kienu misruqa.**

**Issa biex wiehed jiddeciedi jekk l-appellant kienx genwinament jemmen li l-stereos ma kienux misruqin fil-mument tal-asportazzjoni, wiehed irid jezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom kemm dak l-izball jista' jinghad li kien wiehed ragonevoli. Kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fl-Appel Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Martin Galea" **[30.7.2004], citata mill-istess appellant, ghalkemm it-*test* jibqa' wiehed soggettiv, cioe' dak li verament ossia genwinament kien jemmen l-imputat jew f' dan il-kaz l-appellant, izda biex Qorti tasal biex tiddeciedi jekk, fuq bazi ta' probbabilita' l-appellant verament ossia genwinament kien hekk jemmen, hu legittimu li timxi permezz ta' sillogizmu. F' dan is-sillogizmu l-premessa magguri tkun tikkonsisti f' dak li n-nies kollha ragjonevoli kienu jahsbu dwar l-oggetti in kwistjoni w l-premessa minuri tkun tikkonsisti fil-prezunzjoni li l-appellant jew imputat hu persuna ragjonevoli, (ez. In-nies kollha ragjonevoli kienu f' dawk ic-cirkostanzi jikkonkludu li l-provenzjenza ta' dawk l-istereos kienet suspetta u li x' aktarx kienu gejjin minn serq  L-appellant hu ex hypotesi persuna ragjonevoli, ergo l-imputat kien jaf jew imissu kien jaf li dawk l-stereos kienu gejjin minn serq.)**

**Din il-Qorti, meta ezaminat bir-reqqa l-provi fuq riassunti, l-inkonsistenzi fl-istqarrija tal-appellant, l-inverosimiljanza tal-istorja tieghu mill-bidu sa l-ahhar u c-cirkostanzi kollha ta' dak li gara dik il-lejla, hi tal-fehma li ma tistax taccetta li l-appellant genwinament haseb li l-oggetti in kwistjoni kienu inxtraw legittimament minn Mathew Frendo meta accetthom**

**(jekk mhux addirittura hbihom) fil-car tieghu .Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li ma hemmx raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabet htija tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni dedotta kontra l-appellant.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant li s-sejbien ta' htija tar-reat ta' ricettazzjoni ma ghandux jimporta l-konfiska tal-vettura, saret minnu riferenza ghas-sentenza** "Il-Pulizija vs. Martin Galea" **fuq imsemmija. F' dik is-sentenza l-Qorti rriteniet li l-vettura bl-ebda mod ma tinkwadra ruha fl-artikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali. Pero' din il-Qorti tosserva li fil-kaz citat l-appellant ma kienx instab hati tal-akkuza alternattiva ta' ricetazzjoni imma tal-akkuza ta' serq. Ghalhekk ladarba f' dan il-kaz gara l-oppost u l-appellant odjern proprju ma nstabx hati ta' serq imma biss ta' ricettazzjoni, zgur li ma jista' jigbed ebda argument jew analogija legali mis-sentenza citata li lanqas ma semmiet l-fattispecji, b' mod li forsi setghu jaghtu indikazzjoni ghala dik il-Qorti ddecidiet kif iddecidiet.**

**Illi biex issehh il-konfiska awtomatika kontemplata fl-artikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, jinhtieg li l-oggett li jkun qed jigi konfiskat ikun jew il-*corpus delicti*, jew ikun l-istrument li serva jew li kien mahsub li jservi sabiex isir id-delitt jew ikun dak li jkun gie miksub bid-delitt. Certament il-car tal-appellant la kienet il-*corpus delicti* u lanqas xi oggett li kien miksub bid-delitt. F' dan il-kaz, almenu fil-konfront tal-appellant lanqas irrizulta li l-car de quo kienet intuzat biex saru s-serqiet. Irrizulta biss li meta Frendo gie lura bl-oggetti misruqa, hu poggihom fil-car tal-appellant. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrendix l-imsemmija vettura bhala strument li serva biex sar ir-reat ta' ricettazzjoni**

**fis-sens tal-artikolu 23(1) u ghalhekk dan l-aggravju jidher ben fondat u qed jigi milqugh.**

**In vista ta' din id-decizjoni, ma hux il-kaz li din il-Qorti toqghod tinvesti t-tielet aggravju dwar l-applikabilita tal-art. 23 (1) f' kazijiet ta' liberazzjoni taht l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b' dan li tirrevokaha fejn ordnat il-konfiska tal-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396 favur il-Gvern ta' Malta, u tikkonfermaha fil-kumplament kollu taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------